II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/907

tal-4 ta' Ġunju 2021

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 ([2]) jipprevedi l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi, u jipprojbixxi li fondi jew riżorsi ekonomiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni, ta' persuni, entitajiet u korpi responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom idgħajfu serjament id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja jew li jibbenefikaw minn, jew jappoġġaw, ir-reġim ta' Lukashenka. Jipprojbixxi wkoll li tingħata assistenza teknika relatata mal-oġġetti u mat-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea jew relatata mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti. Huwa jimponi projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna ta' kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja, u jipprojbixxi li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/908 ([3]) li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK ġiet adottata f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Mejju 2021 wara l-inżul furzat illegali ta' titjira intra-UE ta' Ryanair f'Minsk, il-Belarussja, fit-23 ta' Mejju 2021. Dak l-inċident, li wera n-nuqqas ta' affidabbiltà tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni Belarussi, ipperikola s-sikurezza tal-avjazzjoni fuq il-bażi ta' evidenza fabbrikata bl-għan li tkun tista' titwettaq id-detenzjoni mill-awtoritajiet Bjelorussi tal-ġurnalist u l-blogger tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega, u kkostitwixxa pass ieħor fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li huwa jidħol fis-seħħ minnufih,

([1]) ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/908 tal-4 ta' Ġunju 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ara l-paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"7. 'trasportatur tal-ajru tal-Belarussja' tfisser impriża tat-trasport bl-ajru li għandha liċenzja operattiva valida jew ekwivalenti maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Belarussja.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 8b

1. Huwa pprojbit għal kwalunkwe inġenju tal-ajru operat minn trasportaturi tal-ajru tal-Belarussja, inkluż bħala trasportatur ta' kummerċjalizzazzjoni f'arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-kodiċi jew spazju magħluq, li jinżel fi, jitlaq minn jew jgħaddi minn fuq it-territorju tal-Unjoni.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fil-każ ta' nżul ta' emerġenza jew ta' titjira ta' emerġenza li tgħaddi minn fuq it-territorju tal-Unjoni.

Artikolu 8c

1. B'deroga mill-Artikolu 8b, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif elenkati fl-Anness II jistgħu jawtorizzaw inġenju tal-ajru jinżel fi, jitlaq minn jew jgħaddi minn fuq it-fit-territorju tal-Unjoni jekk dawk l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddeterminaw li tali nżul, tluq jew titjira li tgħaddi minn fuq it-territorju jkunu meħtieġ għal skopijiet umanitarji jew għal kwalunkwe skop ieħor konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istat Membru jew Stati Membri kkonċernati għandhom jinformaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS